**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta' Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**Vs**

**MICHAEL MIFSUD**

Kump Nru 404/2003

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Michael Mifsud detentur tal-karta tal-identita numru 737249M**, gie akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Novembru 2001 u fil-gimghat ta' wara din id-data, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, cioe oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jswa aktar minn elf Lira Maltin (Lm1,000), jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-4 t' April 2005 (ara *folio* 52) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 86);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi dan il-process, bhal hafna ohrajn, kien gie distrutt minhabba nirien li kienu hakmu l-awla fejn kien qed jinzamm lura fis-sena 2004. Il-Qorti, diversament preseduta, kienet allura ordnat li l-process jigi rikostruwit. Din il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ir-rizultanzi processwali wara tali rikostruzzjoni tal-process. In oltre, dan il-process kif rikostruwit, kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghal Imhallef;

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti ikkunsidrat *funditus* ir-rizultanzi processwali. Bazikament il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Il-pulizija kienu qed jinvestigaw serqa minn residenza gewwa tas-Sliema f'liema serqa kienu nsterqu xi affarijiet tad-deheb, laptop kif ukoll zewg video cameras. Waqt aktar investigazzjonijiet il-pulizija rrizultalhom li certu Michael Littlejohn kien qed jipprova jbiegh dawn l-oggetti misruqa u li dan kellu lil certu Chris Spiteri jghinu f'dan ir-rigward. Irrizulta lill-pulizija wkoll illi Chris Spiteri kien mar go hanut tad-deheb appartanenti lill-imputat sabiex jinbiegh dan id-deheb. Minn tfittxija li saret fi propjeta ohra tal-imputat, propju minn workshop li hu parti mill-hanut gewwa tas-Sliema, kienu gew elevati xi deheb. L-imputat kien qal li hu kien effettivament jahdem id-deheb u kien biss li dan id-deheb kien fil-pussess tieghu sabiex jaghmel kopja bhalu.

Il-Qorti tippuntwalizza illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta li ma tezisti ebda prova koncernanti Michael Littlejohn u Christopher Spiteri li b'xi mod tista torbot lill-imputat ma' din il-kawza kif trid il-Ligi. Id-dokument Dok.P, li huwa kopja ta' process fil-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija kontra Michael Littlejohn u Christopher Spiteri"* ma jistax jaghmel prova probatorja fl-kaz odjern.

Ghal dak li jirrigwarda il-prova tas-serq, din effettivament saret bis-sahha tal-Process Verbal numru 1035/2002 esebit in atti. Izda, fil-kuntest tal-fatt li Michael Littlejohn ma

xhedx f'dawn il-proceduri (minhabba li kien miet fil-mori), kif ukoll fil-kuntest tal-fatt li x-xhieda ta' Christopher Spiteri (a folio 262) hija ferm insufficjenti, il-Qorti ikollha tirrileva li d-depozizzjonijiet tax-xhieda tal-ex Spettur Jeffrey Cilia u tal-Ispettur (dak iz-zmien) Silvio Valletta, ma jistghux jorbtu lill-imputat ma' dan il-kaz skond kif trid il-Ligi.

Huwa veru li l-imputat kien instab fil-pussess tad-deheb in kwistjoni. Izda, minhabba insufficjenza fil-korp tal-provi tal-prosekuzzjoni, ma giex ippruvat l-element tax-xjenza li kien mehtieg li jigi ppruvat sabiex l-imputat ikun passabbli ghar-reat migjub kontra tieghu. Dan kien kaz klassiku fejn, bil-provi a dispozizzjoni tal-prosekuzzjoni, Qorti ta' Gudikatura Kriminali setghet biss oggettivament tiddikjara li, x'aktarx iva milli le (il-grad tal-probabbli) li l-imputat ghamel effettivament dak allegat fil-konfront tieghu. Izda kif inhu ferm stabbilit, dan il-grad ta' prova - il-grad tal-probabbli - ma hux sufficjenti ghall-kawza tal-prosekuzzjoni.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL MICHAEL MIFSUD MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONI MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHA TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur